# San Duminku tal-Kolonna

Ċensu D'Emanuele


San Duminku u l-kolonna kif kienet tintrama eżatt f'nofs il-pjazza.

Din is-sena jaħbat għeluq il-125 sena minn meta żżanżnu il-kolonna u l-istatwa ta' San Duminku, li llum insejħulhom l-antiki. L-istatwa kienet xogħol ta' l-istatwarju Giovanni Darmanin, waqt li l-kolonna saret fuq disinn ta' l-istess Darmanin u nħadmet minn Lorenzo Forte. L-iskultura saret minn Luigi Fenech u Antonio Merilli. Ix-xogħol tal-pilandri kien sar minn Antonio Farrugia u Giacomo Sevasta. Dawn intramaw għall-ewwel darba fil-festa ta' l-1879, li f'dak iż-żmien kienet issir fit-tielet Ħadd ta' Settembru, u tqegħdu eżatt f'nofs il-pjazza, naturalment kif kienet dak iż-żmien.

Is-sena ta' wara, fl-1880, dawn tressqu xi ftit, l-isfel lejn il-monument tal-Vittorja u lejn id-daħla (illum Triq il-Kardinal). Dan ġara għall-fatt li f'dik is-sena (1880) il-kanonku Rafel Patiniott għamel l-istatwa tal-ġebel ta' San Lawrenz. Hekk baqgħu jintramaw matul is-snin sa l-aħħar gwerra.

Għalkemm l-istatwa u l-kolonna preżenti m'humiex l-oriġinali, għaliex dawn intradmu fil-gwerra, dawn tal-lum huma kopji fidili ta' l-antiki. L-istatwa preżenti saret minn Karmenu Mallia (il-Lhudi), li kien alliev ta' Darmanin u ħadimha fuq il-forma kopja ta' Darmanin. Din saret fl-1951 u tħallset minn Patist Costantino, li kien attivist u benefattur kbir ta' l-entitajiet Dumnikani f'dawk iż-żminijiet diffiċli ta' wara l-gwerra. Il-kolonna inħażżet eżatt fuq l-antika minn Ġużeppi Ħammit (Iż-Żużu), bid-differenza żgħira li, waqt li fil-kolonna ta' qabel, fil-panew tat-tromba kien hemm erba' skrizzjonijiet, f'dik tal-lum, insibu l-armi ta' l-erba' Papiet Dumnikani. Din inħadmet Bormla f'nofs is-snin ħamsin għand il-mastrudaxxa li kien magħruf bħala 'Is-Sillar' u ġiet imħallsa mill-fond tal-*war damage*. L-irjus ta' l-erba' anġli (puttini) fil-kolonna preżenti saru fl-istess żmien u huma xogħol is-surmast Ġużeppi Caruana (Marċjol). L-erba' kolonni tal-pilandri tal-madwar huma dawk oriġinali tal-kolonna l-antika.

Il-kolonna l-ġdida intramat għall-ewwel darba fil-festa ta' l-1957 fuq is-Sur.


*Kopja fidila tal-kolonna l-antika meta ntramat għall-ewwel darba wara l-gwerra fl-1957.*